



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

2014/2256(INI)

20.4.2015

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni (2014/2256(INI))

Rapporteur għal opinjoni: José Blanco López

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota l-importanza tad-diversità kulturali u lingwistika Ewropea, li tipprovdi opportunitajiet pjuttost milli ostakli għas-suq uniku, u jenfasizza li l-industriji kulturali u kreattivi Ewropej huma mutur għat-tkabbir ekonomiku, l-innovazzjoni u l-ħolqien tal-impjiegi fl-UE, peress li jħaddmu aktar minn 7 miljun persuna u jiġġeneraw aktar minn 4.2 % tal-PDG tal-UE; jenfasizza li l-industriji kulturali u kreattivi komplew joħolqu l-impjiegi matul il-kriżi ekonomika tal-2008-2012 u kellhom rwol importanti fiż-żieda tal-kompetittività tal-Unjoni; jenfasizza l-fatt li nħolqu mudelli ġodda ta' negozju u servizzi innovattivi fil-kuntest onlajn;
2. Jenfasizza li l-kontenut kulturali u kreattiv onlajn huwa mutur ewlieni għall-iżvilupp tas-soċjetà informatika, tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-investimenti fl-infrastruttura u s-servizzi diġitali, u li għalhekk irawwem l-innovazzjoni, it-tkabbir u l-kreattività;
3. Jissottolinja li d-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati jikkostitwixxu l-qafas legali għall-industriji kulturali u kreattivi Ewropej (CCIs) u jiffurmaw il-bażi għall-kapaċità tagħhom li jiġġeneraw l-attività ekonomika, il-kompetittività, l-impjiegi, il-kreattività u l-innovazzjoni; jisħaq fuq il-fatt li l-produttività tas-settur qed tkompli tikber, u jenfasizza li s-sistema fframmentata u skaduta attwali qed tfixkel l-iżvilupp u l-funzjonament sħiħ tas-suq uniku diġitali Ewropew;
4. Jilqa' b'sodisfazzjon l-interess kbir muri, kif ukoll il-kontributi magħmula miċ-ċittadini tal-UE, fis-sessjoni tal-konsultazzjoni pubblika tal-Kummissjoni dwar ir-rieżami tar-regoli tal-UE dwar id-drittijiet tal-awtur;
5. Jissottolinja li d-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati għandhom jikkostitwixxu qafas legali bilanċjat għall-industriji kulturali u kreattivi Ewropej biex jiġġeneraw attività ekonomika u impjiegi; jenfasizza, madankollu, li s-sistema ta' imposti fframmentata u skaduta attwali toħloq problemi kbar għall-iżvilupp tas-suq uniku diġitali Ewropew u, għaldaqstant, hija theddida għat-tkabbir u l-iżvilupp ekonomiku;
6. Jissottolinja li d-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati jikkostitwixxu l-qafas legali għas-settur tas-CCI Ewropew u jiffurmaw il-bażi għall-kapaċità tagħhom li jiġġeneraw l-attività ekonomika u l-impjiegi; jenfasizza li, waqt li l-produttività tas-settur tas-CCI qed tkompli tikber, il-qliġh tad-detenturi tad-drittijiet fis-settur qed jonqos;
7. Jissottolinja li d-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati jikkostitwixxu l-qafas legali għall-industriji kulturali u kreattivi Ewropej, kif ukoll għas-setturi tal-edukazzjoni u tar-riċerka u għas-settur li jibbenefika minn eċċezzjonijiet għal dawn id-drittijiet u limitazzjonijiet fuqhom u jiffurmaw il-bażi għall-attività u l-impjiegi tagħhom;
8. Jenfasizza li d-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati huma d-drittijiet li fuqhom huma mibnija l-industriji kreattivi kollha u l-katina tal-valur assoċjata magħhom; jistieden lill-

Kummissjoni, għalhekk, biex tappoġġja u tipproteġi d-drittijiet tal-proprjetà intellettuali tal-kreaturi sabiex l-industriji kreattivi fl-Ewropa jkunu jistgħu jimxu 'l quddiem;

9. Jilqa' b' sodisfazzjon l-impenn tal-Kummissjoni li tiżviluppa ulterjorment l-aġenda diġitali tal-UE, inkluż l-oġettiv tal-modernizzazzjoni tad-drittijiet tal-awtur; jirrikonoxxi l-ħtieġa li tiġi rieżaminata d-Direttiva 2001/29/KE sabiex jiġi żgurat ħlas xieraq għall-awturi, l-artisti, u detenturi oħra tad-drittijiet tal-awtur u protezzjoni xierqa ta' dawn id-drittijiet, kif ukoll bilanċ ġust fl-ekonomija kulturali Ewropea bejn il-partijiet kollha involuti (l-SMEs, il-konsumaturi, l-utenti, il-kreaturi u d-detenturi tad-drittijiet) f'era diġitali li timplika ambjent teknoloġiku li qed jinbidel u li qed jevolvi b'mod kostanti u li jwassal għal bidliet fl-imġiba tal-utenti, flimkien ma' sfidi u opportunitajiet; iqis li dan ir-rieżami għandu jipprovdi ċ-ċarezza, l-istabbiltà u ċ-ċertezza ġuridiċi neċessarji, kif ukoll il-flessibilità meħtieġa biex jitrawmu l-investment u t-tkabbir fis-settur kreattiv u kulturali filwaqt li jitneħħew l-inċertezzi u l-inkonsistenzi ġuridiċi li jaffettwaw b'mod negattiv il-funzjonament tas-suq uniku diġitali; jitlob ukoll impenn qawwi fuq il-prinċipju ta' ftuħ mill-ġdid, mill-aktar fis possibbli, fl-interess tal-konsistenza, tad-Direttiva 2000/31/KE dwar il-kummerċ elettroniku; jemmen li wieħed mill-għanijiet ewlenin ta' dan ir-rieżami għandu jkun il-modernizzazzjoni tad-drittijiet tal-awtur sabiex jiffaċilita l-aċċess transfruntier għas-servizzi u l-kontenut, waqt li jippreserva livell għoli ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u jiffavorixxi l-iżvilupp u d-diversità kulturali;
10. Jissottolinja li l-modernizzazzjoni tar-regoli eżistenti dwar id-drittijiet tal-awtur hija parti integrali mill-ekonomija diġitali;
11. Jenfasizza li l-innovazzjoni fil-kreattività u l-avvanzi teknoloġiċi jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq il-ħajja tal-persuni billi jippermettu li gruppi differenti jikkomunikaw b'mod kreattiv u jaħdmu f'kollaborazzjoni, u b'hekk it-tnejn li huma jtejbu l-ħiliet eżistenti tal-persuni kreattivi u joħolqu valur miżjud; iqis li dan jikkontribwixxi għal titjib fil-kompetittività, l-impjiegi u l-innovazzjoni fl-Ewropa;
12. Jirrikonoxxi li l-attivitajiet ta' ksur tad-drittijiet tal-awtur kummerċjali joħolqu theddida serja għall-funzjonament tas-suq uniku diġitali u għall-iżvilupp tal-offerta legali ta' kontenut kulturali u kreattiv diversifikat onlajn;
13. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni tal-mekkaniżmi differenti ta' kkupjar privat fl-Ewropa, billi tikkunsidra l-effikaċja u t-trasparenza tal-imposti u t-tibdil fl-użu tal-ikkupjar privat; iqis li l-Kummissjoni għandha tindirizza d-diverġenzi tal-mekkaniżmi ta' kkupjar privat biex tiżgura l-moviment liberu tal-prodotti u s-servizzi fis-suq intern u r-remunerazzjoni ġusta tal-kontenut kreattiv u kulturali u tiffaċilita l-iżvilupp ta' mudelli ta' negozju ġodda u innovattivi;
14. Jenfasizza li riforma tal-acquis tad-drittijiet tal-awtur tal-UE għandha tkompli ssaħħaħ l-industriji kulturali u kreattivi tal-Ewropa billi ttejjeb iċ-ċertezza ġuridika fl-isfera diġitali għall-partijiet involuti kollha, inklużi d-detenturi tad-drittijiet, in-negozji u l-utenti, u billi tistabbilixxi inċentivi għal skemi innovattivi ta' liċenzjar onlajn u mudelli ġodda ta' negozju għad-distribuzzjoni onlajn tal-kontenut, biex b'hekk is-settur jibbenefika mir-rivoluzzjoni diġitali filwaqt li tiġi salvagwardjata katina ta' valur bilanċjata;
15. Ifakkar li l-eċċezzjonijiet tad-drittijiet tal-awtur u l-limitazzjonijiet tagħhom huma aspekk

ewlieni fis-sistema tad-drittijiet tal-awtur u li l-istituzzjonijiet li jserrġu fuq tali eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet jiġġeneraw kontribut notevoli għat-tkabbir ekonomiku, l-innovazzjoni, u l-ħolqien ta' impjiegi fl-UE; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi qafas armonizzat għall-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet sabiex tindirizza s-suq frammentat, ittejjeb is-sigurtà legali u trawwem l-aċċessibbiltà transfruntiera tal-kontenut tad-drittijiet tal-awtur, sabiex tippermetti aċċess ugwali għad-diversità kulturali fl-UE u tilħaq l-aspettattivi tal-konsumaturi; ifakkar li meta l-Istati Membri jipprevedu eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet, huma għandhom jiżguraw li l-eċċezzjonijiet jew il-limitazzjonijiet ma jmorrux kontra l-isfruttament normali tax-xogħol jew suġġetti oħra u ma jippreġudikawx mingħajr raġuni l-interessi leġittimi tad-detentur tad-drittijiet; jitlob valutazzjoni mill-ġdid tal-eċċezzjonijiet għal skopijiet ta' riċerka u edukazzjoni, li għandha tkopri attivitajiet edukattivi u ta' riċerka marbutin ma' stabbiliment jew istituzzjoni edukattivi rikonoxxuti mill-awtoritajiet jew mil-leġiżlazzjoni nazzjonali jew fil-kamp ta' applikazzjoni ta' programm edukattiv jew ta' riċerka; ihegġegħ lill-Kummissjoni ssib modi kif il-libreriji pubbliċi u ta' riċerka jistgħu jsellfu l-kotba lill-pubbliku f'forom diġitali għall-użu personali, irrispettivament mill-post ta' aċċess u jiżguraw remunerazzjoni ġusta lid-detenturi tad-drittijiet;

16. *Jitlob l-adozzjoni ta' eċċezzjoni obbligatorja li tippermetti lil-libreriji pubbliċi u ta' riċerka jsellfu kotba lill-pubbliku f'forma diġitali għall-użu personali, irrispettivament mill-post tal-aċċess;*

17. Jirrikonoxxi li adattament xieraq tad-Direttiva 2001/29/KE għall-era diġitali jista' jgħodq mudelli ġodda ta' intraprenditorija u negozju, u b'hekk irawwem l-innovazzjoni u l-impjiegi;

18. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-possibbiltà li tqassar b'mod sinifikanti t-tul tat-termini armonizzati ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur fi ħdan il-qafas ta' aġenda ta' politika kummerċjali moderna;

19. Jissottolinja l-importanza tal-libertà kuntrattwali għad-detenturi tad-drittijiet kollha, li għandhom ikunu jistgħu jeżerċitaw u jittrasferixxu b'mod liberu d-drittijiet tagħhom; iqis li hemm bżonn li jiġi żviluppat qafas legali li jkun ibbażat fuq l-evidenza, b'kunsiderazzjoni tal-esperjenza tal-partijiet interessati rilevanti kollha, waqt li tissaħħaħ ukoll il-pożizzjoni negozjattiva u kuntrattwali tal-kreaturi kollha fir-rigward ta' detenturi ta' drittijiet u intermedjarji oħra;

20. Jissuġġerixxi rieżami tar-responsabilità tal-fornituri u l-intermedjarji tas-servizzi sabiex jiċċara l-istat legali u r-responsabilità tagħhom fir-rigward tad-drittijiet tal-awtur, jiggarrantixxi li tiġi eżerċitata diliġenza dovuta matul il-proċess kreattiv u l-katina tal-provvista, u jiżgura remunerazzjoni ġusta għall-kreaturi u d-drittijiet tal-awtur fi ħdan l-Unjoni;

21. Iqis li hemm bżonn, bħala parti minn riforma kumplessiva tad-drittijiet tal-awtur, li jiġu introdotti wkoll miżuri li jistgħu jżidu l-offerta u d-disponibbiltà transfruntiera tal-kontenuti diġitali, bħal pereżempju regolamenti ġodda dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi, l-iżvilupp tal-kummerċ elettroniku, l-approssimazzjoni tar-rati tal-VAT u l-espansjoni tan-netwerks diġitali;

22. Iqis li huwa meħtieġ li jiġi pprovdut qafas aġġornat u ċar għall-istituzzjonijiet kulturali li jippermetti li l-libreriji jwettqu self elettroniku u jippermetti li l-libreriji, l-arkivji u l-mużewijiet jagħmlu disponibbli onlajn xogħlijiet protetti li ma għadhomx fiċ-ċirkolazzjoni kummerċjali;
23. Jemmen li è-ċittadini għandhom ikunu jistgħu jaċċessaw u jixtru kontenut onlajn minn Stat Membru ieħor, u jqis li l-prattika li tirrestrinġi l-aċċess għal kontenut onlajn minħabba l-post fejn jinsab l-utent ixekkel l-iżvilupp tas-suq uniku diġitali; jilqa' l-liċenzjar multiterritorjali tad-drittijiet fil-qafas tad-Direttiva 2014/26/UE bħala eżempju u mod ta' kif tingħeleb il-frammentazzjoni tas-suq intern; iħeġġeġ l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet bilanċjati, flessibbli u mmexxija mis-suq li jgħinu biex jingħelbu l-ostakli eżistenti għall-aċċess u d-disponibbiltà transfruntiera tal-prodotti u s-servizzi filwaqt li jirrispettaw id-diversità kulturali, inkluż l-iżvilupp ta' mekkaniżmi għall-portabbiltà transfruntiera fi ħdan l-UE ta' kontenut li jkun inkiseb b'mod legali u li jkun sar disponibbli;
24. Iqis li l-prattika li jiġi ristrett l-aċċess għall-kontenut onlajn abbażi tal-post fejn jinsabu l-utenti, li jkunu ħallsu qabel biex jiksbu aċċess għal dak il-kontenut, tagħmel ħsara għall-funzjonament tan-netwerks u timpedixxi l-iżvilupp tas-suq uniku diġitali;
25. Jindika li r-rata mgħaġġla tal-iżvilupp teknoloġiku u l-bidla tal-mudelli ta' negozju fis-suq diġitali titlob qafas leġiżlattiv teknoloġikament newtrali għad-drittijiet tal-awtur; jenfasizza li l-ħarsien tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati jrid jiġi rispettat kemm onlajn kif ukoll offlajn, iżda jinnota wkoll li l-ambjent diġitali mhuwiex l-istess bħad-dinja analoga u jenfasizza l-ħtieġa li tiġi eżaminata mill-qrib il-lista ta' eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet u jitqies jekk humiex meħtieġa forom addizzjonali jew alternattivi ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur biex jindirizzaw din il-kwistjoni u biex jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku, il-kompetittività u l-iżvilupp sħiħ tas-suq uniku diġitali;
26. Jieħu nota tal-importanza tal-liċenzji territorjali fl-UE, b'mod partikolari fir-rigward tal-produzzjonijiet awdjoviżivi u l-produzzjoni tal-films, li huma bbażati primarjament fuq sistemi ta' xiri minn qabel jew finanzjament minn qabel tax-xandara;
27. Jenfasizza li l-imposti diġitali għandhom isiru aktar trasparenti u jiġu ottimizzati sabiex jissalvagwardjaw id-drittijiet tad-detenturi tad-drittijiet u tal-konsumaturi, anke bil-kunsiderazzjoni tad-Direttiva 2014/26/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-immaniġġjar kollettiv tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati u ħruġ ta' liċenzji multiterritorjali ta' drittijiet f'xogħlijiet mużikali għall-użu onlajn fis-suq intern;
28. Jistieden lill-Kummissjoni biex teżamina u tipproponi soluzzjonijiet għal tekniki analitiċi awtomatiċi għat-test u għad-data ("estrazzjoni ta' test u ta' data") għal skopijiet ta' riċerka xjentifika, speċjalment għal skopijiet mhux kummerċjali, bil-kundizzjoni li l-permess biex jinqara x-xogħol ikun inkiseb u b'kont meħud ta' għażliet bħall-mudell ta' liċenzjar, kif diġà jinsab żviluppat f'ċerti Stati Membri, maħsub biex jippermetti lir-riċerkaturi jżommu l-vantaġġ kompetittiv tal-Ewropa f'ambjent globali;
29. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi promossa aktar interoperabbiltà, b'mod partikolari għas-softwer u t-terminals, peress li n-nuqqas ta' interoperabbiltà tfixkel l-innovazzjoni, tnaqqas il-kompetizzjoni u tagħmel ħsara lill-konsumatur; jemmen li n-nuqqas ta' interoperabbiltà

jwassal għal pożizzjoni dominanti tas-suq ta' prodott jew servizz wieħed partikolari, bir-
riżultat li tiġi mxekkla l-kompetizzjoni u tiġi limitata l-għażla tal-konsumatur fl-UE;

30. Jirrikonoxxi li t-tixrid wiesa' tal-kopertura tal-Internet wassal għall-iżvilupp ta' forom
għodda ta' użu ta' xogħlijiet u jitlob għal soluzzjonijiet adegwati ta' redditu għad-detenturi
tad-drittijiet fl-ambjent diġitali li jiżguraw ukoll l-aċċess taċ-ċittadini għall-prodotti u l-
għarfien kulturali;
31. Jistieden lill-Kummissjoni biex, fil-kuntest tar-rispett sħiħ għall-prinċipju tas-sussidjarjetà,
tesplora jekk miżuri biex jiġi żgurat il-kumpens għust tad-detenturi tad-dritt fir-rigward tar-
riproduzzjonijiet magħmulin minn persuni fiżiċi għal użu privat, bħall-imposti fuq l-
ikkupjar privat, jikkostitwixxux soluzzjonijiet aġġornati u effiċjenti;
32. Ihegġegħ lil-libreriji u l-arkivji biex jinvolvu ruħhom fi ftehimiet volontarji mad-detenturi
tad-drittijiet, li għandhom jippermettulhom iwettqu l-missjoni pubblika tagħhom fis-
soċjetà diġitali, waqt li jiġu rrispettati d-drittijiet tad-detenturi tad-drittijiet;
33. Jenfasizza li kwalunkwe bidla leġiżlattiva f'dan il-qasam għandha tiżgura aċċessibilità
għal kulħadd, u speċjalment għall-persuni b'diżabilità, għal prodotti u servizzi protetti
mid-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati u għandha tiżgura adattament kif xieraq tal-
ambjent diġitali; jirrikonoxxi li l-inabilità min-naħa tal-utenti b'diżabilità li jixtru kontenut
f'format xieraq jista' joħloq ostaklu għall-kummerċ għall-intrapriżi kif ukoll inaqas l-
eżitu kulturali u l-offerta tal-kontenut disponibbli fl-Istati Membri; b'mod partikolari,
ihegġegħ lill-UE tirratifika t-Trattat ta' Marrakech biex jiġi ffaċilitat l-Aċċess għal
Xogħlijiet Pubbliki għal Persuni Għomja, b'Diżabilità fil-Vista jew li b'xi mod ieħor
għandhom Diffikultà biex Jaqraw Materjal Stampat li jirrikjedi eċċezzjoni obbligatorja
għall-użu mhux kummerċjali għall-benefiċċju ta' persuni b'diżabilità, li huma relatati
direttament mad-diżabilità, sal-punt meħtieġ mid-diżabilità speċifika;
34. Iqis li, peress li l-protezzjoni tad-dritt tal-awtur hija effikaċi daqs il-miżuri ta' infurzar li
jipproteġuha, għandha tkun robusta sabiex tiżgura li s-settur tal-industriji kulturali u
kreattivi fl-Ewropa jista' jimxi 'l quddiem u jipproteġi l-innovazzjoni;
35. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tqis l-użu li dejjem qiegħed jiżdied b'rata mgħaġġla ta'
xogħlijiet kreattivi f'kontenut maħluq mill-utent u l-pjattaformi tal-midja soċjali fuq l-
internet, u ttejjeb l-informazzjoni tal-utent dwar l-obbligi fir-rigward ta' kwalunkwe
persuna li tipprovdi b'mod konxju hyperlinks għal kontenut jew links mhux awtorizzati li
jevitaw il-ħlasijiet, meta tirrieżamina r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur; jemmen li
kwalunkwe proposta ġdida għandha timmira li ssib mod kif tippoteġi lill-IPRs u lill-
utenti finali filwaqt li trawwem internet dinamiku, fejn it-teknoloġija u l-aċċess għall-
internet jistgħu jkomplu jippermettu li l-individwi jkunu innovattivi u kreattivi; iqis li,
barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tipproponi definizzjoni ġuridika tal-kunċett ta'
“xogħlijiet ta' dominju pubbliku” u tiżgura li dawn ix-xogħlijiet huma protetti kontra l-
approprjazzjoni privata permezz tad-diġitizzazzjoni jew mezzi oħra;
36. Jinnota bi tħassib li l-valur iġġenerat fl-ekonomija diġitali mill-isfruttament ta' xogħlijiet
protetti mid-drittijiet tal-awtur mhuwix kondiviż b'mod għust mad-detenturi tad-drittijiet,
fost l-oħrajn minħabba r-reġim ta' tassazzjoni tal-fornituri tas-servizzi; jistieden lill-
Kummissjoni tinvestiga l-limitu u l-impatt ta' dan it-trasferiment ta' valur lill-

intermedjarji tal-internet;

37. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tkompli d-djalogu u l-kollaborazzjoni mal-Istati Uniti, dwar l-oqfsa leġislativi rispettivi tad-drittijiet tal-awtur, fi ħdan in-negozjati tas-Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investment, biex jiġu indirizzati l-ostakli potenzjali għall-aċċess għas-suq u għall-kummerċ;
38. Jistieden lill-Kummissjoni tadatta u tistandardizza l-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet permessi fil-qafas regolatorju tad-dinja analoga fil-kuntest tax-xenarju ġdid irrappreżentat mill-paradigma diġitali u b'mod partikolari mit-teknoloġiji tal-cloud computing;
39. Jemmen li għandu jsir sforz komuni fil-ġlieda kontra l-ksur tad-drittijiet tal-awtur fl-UE sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur u remunerazzjoni ġusta; jenfasizza l-ħtieġa li tiżdied il-kuxjenza tal-konsumaturi dwar il-konsegwenza ta' ksur tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati, u jhegġegħ soluzzjoni xierqa biex jiġi żgurat li ħadd ma jagħmel profitt minn ksur tad-drittijiet tal-awtur;
40. Jiġbed l-attenzjoni għad-Direttiva 2013/37/UE tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku, li ttiprovdi qafas legali komuni għal suq tal-UE għal data miżmuma mill-gvern (informazzjoni tas-settur pubbliku) u li tinkludi wkoll dispożizzjonijiet dwar it-trasparenza u l-kompetizzjoni.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	14.4.2015
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 47 -: 11 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Jerzy Buzek, Soledad Cabezón Ruiz, Philippe De Backer, Christian Ehler, Peter Eriksson, Fredrick Federley, Adam Gierek, Theresa Griffin, András Gyürk, Roger Helmer, Hans-Olaf Henkel, Dawid Bohdan Jackiewicz, Kaja Kallas, Barbara Kappel, Seán Kelly, Jeppe Kofod, Miapetra Kumpula-Natri, Janusz Lewandowski, Ernest Maragall, Edouard Martin, Csaba Molnár, Nadine Morano, Dan Nica, Aldo Patriciello, Morten Helveg Petersen, Miroslav Poche, Miloslav Ransdorf, Michel Reimon, Herbert Reul, Paul Rübig, Algirdas Saudargas, Jean-Luc Schaffhauser, Neoklis Sylikiotis, Antonio Tajani, Dario Tamburrano, Patrizia Toia, Evžen Tošenovský, Claude Turmes, Miguel Urbán Crespo, Vladimir Urutchev, Adina-Ioana Vălean, Kathleen Van Brempt, Henna Virkkunen, Martina Werner, Hermann Winkler, Anna Záborská, Flavio Zanonato
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Pascal Arimont, José Blanco López, Simona Bonafè, Lefteris Christoforou, Cornelia Ernst, Eugen Freund, Michèle Rivasi, Pavel Telička, Marco Zullo
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Daniela Aiuto, Stanisław Ożóg